TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# TOQGĦODX LURA

Tħalli qatt is-sħab ixekklek milli l-kwiekeb tmiss.
B'ħarstek imraħ, trażżanhiex madwarek biss.
Mhux wisq bogħod hemm oriżżonti infiniti...
għalik ukoll, mara Maltija.

Dawl ix-xemx u qtar ix-xita jinżlu fuq kulħadd.
Kollha nbatu meta kontra jkun l-imbatt.
Biex imbagħad fuq kull maħluq tfeġġ il-qawsalla...
għalik ukoll, mara Maltija.

**REF:** Toqgħodx lura, m'hemmx għalfejn.
Taqta' qalbek mnejn sa fejn?
Int kapaċi 'l quddiem timxi bħal ħaddieħor.

Uri tiegħek l-abbilta`
fil-pajjiż, lokalita`.
Toqgħodx lura, agħti sehmek, tasal żgur.

Tħalli qatt drawwiet l-imgħoddi jservu ta' ħitan.
Tħalli qatt dak li tgħallimt isir duħħan.
Hemm triqat diversi minn fejn tista' tagħżel...
għalik ukoll, mara Maltija.

**REF:** Toqgħodx lura, m'hemmx għalfejn eċċ...

**BRIDGE:** Fil-politika, l-kunsilli u n-negozju
nisa bħalek ippruvaw u irnexxew.
Fil-familja, fl-intrapriża, l-professjoni
nisa bħalek is-suċċess kisbuh tassew.

**REF:** Toqgħodx lura, m'hemmx għalfejn eċċ...

joe julian farrugia